

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Settembru 2009 —  
C.A.S. vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-204/07 P-DEP)**

“Intaxxar tal-ispejjeż”

*Proċedura — Spejjeż — Intaxxar — Spejjeż li jistgħu jingħabru (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 73(b)) (ara l-punti 11-45)*

**Suġġett**

Artikolu 74 tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors għall-intaxxar tal-ispejjeż wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2008.

**Dispożittiv**

L-ammont totali tal-ispejjeż li l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tirrimborsa lil CAS SpA huwa ffissat għas-somma ta' EUR 29 568.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-10 ta' Settembru  
2009 — Il-Kummissjoni vs Il-Belġju**

**(Kawża C-100/08)**

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Artikoli 28 KE u 30 KE — Protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi — Leġiżlazzjoni dwar iż-żamma u l-kummerċjalizzazzjoni ta' għas-safar imwielda u mrobbija fil-magħluq imqiegħda legalment fis-suq fi Stati Membri oħra”

1. *Moviment liberu tal-merkanzija — Restrizzjonijiet kwantitattivi — Miżuri li għandhom effett ekwivalenti — Kunċett (Artikolu 28 KE) (ara l-punti 81, 82)*
2. *Moviment liberu tal-merkanzija — Restrizzjonijiet kwantitattivi — Miżuri li għandhom effett ekwivalenti (Artikoli 28 KE u 30 KE; Regolament tal-Kunsill Nru 338/97; Regolament tal-Kummissjoni Nru 865/2006) (ara l-punti 84-88, 91-93, 96-103, 110-113)*
3. *Ambjent — Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi — Direttiva 79/409 — Kamp ta' applikazzjoni (Direttiva tal-Kunsill 79/409) (ara l-punt 106)*

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 28 KE — Protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi — Projbizzjoni taż-żamma ta' ċerti għasafar imqiegħda legalment fis-suq fi Stati Membri oħra.

## Dispożittiv

1) Ir-Renju tal-Belġju,

- billi jissuġġetta l-importazzjoni, iż-żamma u l-bejgħ ta' għasafar imwielda u mrobbja fil-magħluq, li tqiegħdu legalment fis-suq fi Stati Membri oħra, għal kundizzjonijiet restrittivi li jobbligaw lill-operaturi tas-suq ikkonċernati li jibdlu l-immarkar tal-kampjuni b'tali mod li jissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa speċifikament mil-leġiżlazzjoni Belġjana u billi ma jaċċettax l-immarkar ta' kampjuni aċċettat fi Stati Membri oħra u lanqas iċ-ċertifikati maħruġa skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 338/97, tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-protezzjoni ta' speċi ta' fawna u flora selvaġġi billi jkun regolat il-kummerċ fihom, u

- billi jċaħħad lill-kummerċjanti mill-possibbiltà li jiksbu derogi mill-projbizzjoni li jżommu għasafar indiġeni Ewropej imqiegħda legalment fis-suq fi Stati Membri oħra,

naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 28 KE.

- 2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-10 ta' Settembru  
2009 — Il-Kummissjoni vs Il-Greċċa**

**(Kawża C-286/08)**

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttivi 2006/12/KE u 91/689/KEE — Skart perikoluż — Obbligu li jitfassal u jiġi adottat pjan għall-immaniġġar tal-iskart perikoluż — Obbligu li jiġi stabbilit netwerk integrat u adegwaw ta’ impjanti għar-riġi ta’ skart perikoluż — Direttiva 1999/31/KE — Rimi ta’ skart f’landfill — Rimi ta’ skart perikoluż”

1. *Ambjent — Skart perikoluż — Direttivi 91/689 u 2006/12 (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/12, Artikoli 7 u 9; Direttiva tal-Kunsill 91/689, Artikolu 6(1)) (ara l-punti 43, 47)*
2. *Ambjent — Skart — Direttiva 2006/12 (Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/12, Artikoli 4 u 5) (ara l-punti 57, 58, 72-74, 76)*

**Suġġett**

Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikoli 1(2) u 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE, tat-12 ta’ Diċembru 1991, fuq skart perikoluż (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 15, Vol. 2, p. 78), u tal-Artikoli 5(1) u (2), 7(1), 4 u 8 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta’ April 2006, dwar l-iskart (ĠU L 114, p. 9), [li kienet id-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE, tal-15 ta’ Lulju 1975, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 91/156/KEE, tat-8 ta’ Marzu 1991] — Ksur tal-Artikoli 3(1), 6 sa 9, 13 u 14 tad-Direttiva tal-